# ID-DULURI TAL-LHUDI

Ma jinstab ebda dokument u l-ebda persuna li avviċinajna ma tefgħet dawl fuq is-sena li fiha l-istatwa tad-Duluri preżenti ġiet magħmula. Fil-bidu l-istatwa tad-Duluri preżenti kellha Anġlu magħha u f'idejh kien iżomm l-imsiemer u l-kuruna tax-xewk. F'intervista li Fr Joe Cilia kien għamel lis-Sinjura Ġużeppa Micallef fil-Librerija Louis Cutajar nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 1980, kienet qaltlu li l-istatwa saret fi żmien il-Kappillan P. Ben. Ġużepp Cauchi fit-tieni darba li ġie maħtur Kappillan, jiġifieri bejn l-1911 u l-1926.



ritratt ta'
Karmnu Mallia
l-istatwarju tad-Duluri

Lanqas ma nafu eżatt min għamilha dejjem inkiteb li saret mill-istatwarju Darmanin. Issa Karlu Darmanin miet fil-25 ta' Novembru fl-1909 (Ara Joe Bonavia, il-Ġimgħa l-Kbira u l-istatwarju Karlu Darmanin, f'Leħen is-Sewwa, is-Sibt 29 ta' Marzu 1980 p.11). Hu miet fl-għomor ta' 85 sena.

### *Xaqq dawl dwar l-istatwa*

Tassew bla ma kien mistenni li ntefa' xaqq ta' dawl fuq min għamel l-istatwa. Kienet il-ġimgħa tal-festa tad-Duluri, fis-sajf tal-1979, u waqt li Fr Joe Cilia u Patri Dumink Bonello kienu qed jarmaw fil-knisja, daħal raġel u waqaf quddiem id-Duluri. Fr Joe staqsieh "Togħġbok?" "Daż-żgur, dik tal-Lhudi mir-raħal". Bdew diskursata twila ma' dan is-Sur Mikiel Bonello li joqgħod 250 Victory Street, Ħal-Qormi. Ħa interess u mar ifittex u jsaqsi lis-Sinjura Ċetta Cutajar li tiġi t-tifla ta' Karmnu Mallia mlaqqam il-Lhudi. Din ikkonfermat li l-istatwa tad-Duluri ta' San Pawl il-Baħar għamilha missierha. Staqsa wkoll lill-mara tat-tifel tal-Lhudi, Mikelina Mallia li toqgħod H'Attard u lis-seftura li kellu, Tereża Camilleri li kienet l-Imġieret u dawn ikkonfermaw ukoll li d-Duluri tagħna hi tal-Lhudi jew aħjar ta' l-istatwarju Karmnu Mallia minn Ħal-Qormi.

Fl-imsemmija ntervista ma' Ġużeppa Micallef, hi kkonfermat wkoll li l-istatwa tad-Duluri hi ta' Karmnu Mallia. Tiftakar liz-zija tagħha, Karmena Micallef tistqarr dan, kif ukoll lil Ġanni Grima tad-Doqdi li kien mar bil-karozzin tiegħu biex iġibuha. Kienu neħħewlu ċ-ċelu minn fuqu u żammewha erbgħa. Ġanni Grima, meta kienu ġejjin bl-istatwa qal lil-Lhudi biex jiċċajta: "Din int għamiltha?" Dak wieġeb "Iva". Ġanni qallu: "Mela ma kontx fis-sakra!" għax il-Lhudi kien iħobb il-qatra.

Jista' jagħti l-każ li l-forma kienet tal-istatwarju Darmanin u saret mill-Lhudi, iżda li ħadimha Karlu Darmanin hu kważi impossibbli, billi miet fl-1909, erba' snin biss wara li San Pawl il-Baħar kien dikjarat parroċċa. U kulħadd jaqbel li fil-bidu kien hawn statwa tad-



L-Anġlu li tneħħa minn ma' l-Istatwa

Duluri oħra, li kienet tintuża fil-Ġimgħa l-Kbira, flimkien ma' San Ġwannus-Salib. Għalhekk wieħed jista' faċilment jgħid, li l-istatwa tad-Duluri tagħna saret minn Karmnu Mallia mlaqqam il-Lhudi.

### *It-tneħħija ta' l-Anġlu*

Fi żmien il-Kappillan P. Antonju Formosa Kerr, aktarx li fl-aħħar żmien tiegħu bħala Kappillan bejn l-1914 u l-1935, minn ma' l-istatwa tad-Duluri tneħħa l-Anġlu li kellha magħha u ġiet grafjata minn Wistin Camilleri minn Għawdex u saru erba' anġli żgħar mill-istess mgħallem. L-induratura ta' l-istatwa saret l-Imdina. Meta tlestiet minn kollox, ġiebuha Burmarrad u daħħluha għand Ġanni Agius (ta' Kebbes) u mbagħad minn għandu ġabuha l-Knisja Parrokkjali akkumpanjata mill-Banda "La Vittoria" tal-Mellieħa.

### *Il-Qalb u l-istillarju*

Il-qalb ingħatatat fis-sena 1905 minn Fortunato Mizzi, fi żmien l-ewwel Kappillan P. Antonju Hyzler. L-istillarju kien mogħti fis-17 ta' Diċembru fl-1918 minn Fortunato Mizzi u Emmanuel Camilleri, fi żmien il-Kappillan P. Ben. Ġużepp Cauchi.

Fl-ewwel snin tal-parroċċa ċertament li ma kenitx issir il-festa ta' barra f'ġieħ is-Seba' Duluri tal-Madonna. F'dawn is-snin il-festa titulari kienet issir fir-Randan.

Wisq probabbli li l-festa bdiet issir meta nġiebet l-istatwa preżenti fi żmien il-Kappillan P. Ben. Ġużepp Cauchi bejn l-1911 u l-1926. Il-festa bdiet issir l-ewwel Ħadd li jiġi fuq il-15 ta' Settembru. L-ewwel darba li ħarġet il-purċissjoni bdiet nieżla x-xita u l-purċissjoni sfrattat, waslet biss sal-kantuniera ta' Triq it-Torri u kellha terġa' lura. Għall-festa tad-Duluri kienu jaqgħu ħafna nies u għalhekk f'San Pawl il-Baħar kien ikun hawn ħafna karozzini, storbju, xalar u bosta jsajjru l-fniek u jieklu fix-xatt u qrib il-knisja. Dak il-Ħadd kien magħruf bħala "Ħadd in-nies". Dak iż-żmien f'San Pawl il-Baħar kien hawn il-lukanda ta' Barabania magħrufa bħala "Hotel Royal", li wara saret skola tal-Gvern.

Darba, waqt il-purċissjoni kien hemm xi erba' żgħażagħ imlaħalħin sewwa u bdew jgħajtu: "Ġibuha d-Duluri ħa tixrob xi ħaġa." Il-Kappillan P. Ben. Ġużepp Cauchi nforma b'kollox lill-Arċisqof Mauru Caruana u dan ta ordni biex il-festa ma tibqa issir f'Settembru, iżda mill-ġdid tiġi ċċelebrata fir-Randan. In-nies ma qablux mad-deċiżjoni ta' l-Arċisqof u l-purċissjoni ma ħargitx għal xi sentejn. Sadanittant laħaq Kappillan P. Antonju Formosa Kerr u rranġa ma' l-Arċisqof biex il-festa tibda ssir fl-aħħar Ħadd ta' Lulju.

Fl-1965 tfaċċa mill-ġdid l-għawġ. Il-purċissjoni ma tħallietx tgħaddi mit-toroq tradizzjonali u n-nies ipprotestat mill-ġdid u ma ħallietx il-purċissjoni toħroġ. Fl-1969, il-purċissjoni ħarġet u għaddiet għall-ewwel



Il-Karozzini li kienu jiġu San Pawl il-Baħar għall-festa. Ir-Ritratt meħud minn Villa Chapelle

darba minn Triq Parades u Triq it-Torri. Il-Poplu wera li ma kienx kuntent. Ried li l-purċissjoni tgħaddi minn Triq il-Knisja u Triq Isouard. Is-sitwazzjoni rranġat fl-1974, fi żmien il-Kappillan P. Samwel Chetcuti u l-purċissjoni tal-festa għaddiet minn Triq Isouard, b'żieda ta' toroq oħra.

L-ewwel Innu tad-duluri sar fl-1928, għall-festa ta' dik is-sena li kienet fid-29 ta' Lulju, fi żmien il-Kappillan P. Antonju Formosa Kerr. Kitbu s-Sur Antonio Fenech u mmużikah is-Surmast A. Vella. It-tieni Innu sar fl-1947, fi żmien il-Kappillan P. ĠannFranġisk Grima u ndaqq fl-ewwel kunċert mużikali mill-Banda ta' San Pawl il-Baħar, imwaqqfa mill-istess Kappillan Grima, f'Lulju ta' s-sena 1948. Il-versi inkitbu mill-Poeta Dun Frans Camilleri u lk-mużika mis Surmast Vincenzo Ciappara.

### *Kurunella u Quddiesa*

Fl-1962, inkitbet Kurunella f'ġieħ is-Seba' Duluri ta' Marija, minn P. Feliċ Sammut, li f'dak iż-żmien kien Gwardjan tal-Kunvent ta' San Pawl il-Baħar. Il-fundazzjoni tas-Settena tad-Duluri saret fl-1948, fi żmien il-Kappillan P. ĠannFranġisk Grima mis-Sinjura Roża Camilleri ta' l-Istoċċ li tat Lm125.

F'Lulju tal-1978, is-Surmast Patri Geroge Zammit OFM Conv, għamel quddiesa proprja għall-festa tad-Duluri u ġiet kantata għall-ewwel darba fil-festa titulari ta' dik is-sena mill-Kor Marija Addolorata.

### *Relikwarju u Apparat*

Ir-Relikwarju tal-festa tad-Duluri hu mogħti mill-aħwa Grima minn Għawdex fl-1947, ħut il-Kappillan P. ĠannFranġisk Grima. L-apparat tal-festa, inġieb f'darbtejn fl-1955 u fl-

1957, mingħand l-Artigianato Sacro di ®oma, fi żmien il-Kappillan P. Serafin Galea. Kien qam Lm2000.

***Il-Bradella u l-bankun***

Ġew maħduma minn injam tal-ġewż mis-Sur Carmelo Mangion tal-Ħamrun. L-iskultura hija disinn u xogħol tas-Sur Salv Bugeja minn tas-Sliema. Imbarra l-ħafna ornamenti u l-erba' puttini, fit-tmien panewijiet żgħar mad-dawra tal-bankun, fuq quddiem għamel is-simboli: **"Sultana tal-Martri"** u "Sultana tal-Verġni"; fuq wara: "Parroċċa O.F.M. Conv." u "Wellidna fi Kristu"; fuq ġenb: "Faraġ tal-Imnikktin" u "Saħħa tal-Morda" u fuq il-ġenb l-ieħor: "Omm il-Maltin" u "Omm il-Knisja".

Il-panewijiet il-kbar li huma erba', wieħed fuq kull faċċata huma disinn u xogħol tas-Sur Joseph Sagona mir-Rabat, Għawdex. Dawn juru lill-Madonna bħala...

"Inkurunata Sultana" (fuq quddiem)
"S.Pawl il-Baħar taħt il-ħarsien tagħHa" (wara)
"Xmun iħabbar is-Sejf tad-Duluri" (fuq ġenb)
"Marija Ommna" (fuq il-ġenb l-ieħor).

Il-Bankun u l-bradella żżanżnu fil-Festa tad-Duluri fl-1985, għalkemm l-iskultura kienet għadha mhix lesta, ħlief xi ħaġa ċkejkna fil-bradella.

Is-sena ta' wara, 1986, l-iskultura kienet kollha lesta, kemm tal-bradella kif ukoll dik tal-bankun. Għall-Festa tal-1987 kienu lesti wkoll il-panewijiet il-kbar u b'hekk ix-xogħol kien lest kollu.

Ta' min jgħid li l-Pedistall kien ġie ndurat mill-ġdid mis-Sur Publius Magro tal-Furjana bis-somma ta' Lm1000 u kien lest għall-Festa tal-1985 u żżanżan mal--bankun u l-bradella l-ġodda.





**mument flimkien ma' Patri Ġorġ Żammit OFM Conv**

106 storja ta' żewġ minuti b'tagħlima fl-aħħar. **"Mument Flimkien"** hu adattat għall-Katekisti, Teachers, għal min jagħmel laqgħat jew konferenzi... u għal min hu kurjuż li jkun jaf *"l-istorja ta' ħaddieħor"* u jitgħallem minnha.

Biex tordna l-Ktieb u tirċeviħ bil-posta d-dar, ibgħat l-indirizz tiegħek flimkien ma' Lm2 fl-indirizz tagħna: *IL-ĦABBAR ta' S. Massimiljan Parroċċa tad-Duluri, Triq it-Torri. S. Pawl il-Baħar. SPB 09*